MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 232/2005

**Middlesea Insurance plc.noe.et**

**Vs**

**Gaetano Buttigieg**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fejn is-socjeta' attrici ddikjarat u talbet illi:-

(i) l-konvenut kien responsabbli ghall-incident li sehh b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

(ii) l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm953.37c) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Gunju,

2004 f'Taz-Zokkrija, Mosta bejn vettura numru ta' registrazzjoni DBB 889 misjuqa minn u proprjeta' ta' Josette Buttigieg u vettura numru ta' registrazzjoni LIS 600 misjuqa minn Analisa Scerri u proprjeta' tal-assikurat Carmelo Scerri.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-istess konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolament tat-traffiku da parti ta' Analisa Scerri illi kienet qed isuq il-vettura assikurata mas-socjeta' attrici fil-hin tal-incident de quo.

Ra x-xhieda ta' John Lentini li huwa claims manager mas-socjeta' Allcare li jirraprezentaw lil Middlesea. Jispjega illi Carmelo Scerri kien assikurat *fully comprehensive* maghhom u wara li ghamel rapport kienu ghamlu survey, hallsu l-ispejjes u gew surrogati fid-drittijiet taghha.

Jghid ukoll illi Scerri kien hallas mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u thallsu minnhom ukoll tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin disa' u erbghin centezmu (LM349.90) bhala labour u spray.

Ra x-xhieda ta' Analisa Scerri li tispjega illi fit-3 ta' Gunju, 2004 kienet qed ssuq vettura numru LIS 00 fit-triq Zokrija, Mosta, telghet ir-roundabout u ghaddiet Mount St.Joseph, biex tigbed lejn l-Imgarr.

Hi tispjega illi xeghlet l-indicator sabiex iddur fuq il-lemin taghha, biex tidhol mill-main road ghal side road. Il-"white line" kien wiehed "continuous" u kien biss fejn il-linja kienet spezzettata li hi waqfet u harset sabiex tara jekk kienux gejjin karozzi u bdiet iddawwar l-steering wheel biex iddur lejn il-lemin. Fil-hin rat il-karozza tal-konvenut gejja minn warajha b'certu speed.

Minkejja, li kienet wieqfa, izda skuntrata lejn il-lemin, ix-xhud tghid li mal-impatt il-vettura tal-konvenut kaxxkritha u dawwar il-vettura taghha lejn ix-xellug. Ix-xhud tkompli

tghid li l-vettura tal-konvenut kienet giet minn warajha u kienet qalet minn fuq il-lane oppost.

Li x-xhud tghid li kien hemm spazju bizzejjed fuq in-naha tal-xellug biex tghaddi l–vettura tal-konvenut.

Mal-impatt, tghid li l-konvenut talabha biex jirrangaw l-affarijiet ghaliex kien mghaggel biex jiehu lit-tfal l-iskola. Stenna sakemm gie l-warden, u quddiemu stess il-konvenut ikkonferma li kien tort tieghu u qabel mar-rapport maghmul mix-xhud.

Dwar l-iskizz, ix-xhud tghid li irid jigi mmarkat il-“continuous line” u l-parti spezzatata li taghti ghal side road. Dwar il-posizzjoni taghha tghid li kienet imxaqilba aktar ‘l gewwa, lejn ix-xellug.

Id-daqqa kienet fuq quddiem, in-naha tad-driver, r-rota ta quddiem il-mera u fanal, bieba taghha u girfa fuq in-naha ta’ wahda u l-mudguard ta’ quddiem.

Ix-xhud tghid li l-vettura tal-konvenut kienet ratha ftit qabel, peress li kienet harset mil-mera u ratu gej ghal fuqha u difatti kienet dawret ir-roti biex tibda ddur, pero’ ma rrnexxielix. Mal-impatt, ix-xhud tghid li l-vettura tal-konvenut baqet tiskidja diversi metri.

Ra x-xhieda ta’ Warden G267 Samuel Micallef li kkonferma li ha
r-ritratti u l-qisien tal-kollizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra

F’din il-kawza, prattikament hemm ammissjoni implicita, fis-sens, li ghalkemm il-konvenut ipprezenta risposta fejn qed isostni li ma kienx responsabbli ghall-incident, mertu tal-kawza, baqa’ ma deher qatt u lanqas ma pprezenta xi provi.

Madanakolu, l-unika provi ezistenzjali li hemm, hi dak li xehdet Analise Scerri li tghid li mal-impatt, il-konvenut ammetta li kien responsabbli ghall-incident u li kellhom jirrangaw ghaliex kien mghaggel biex jihu lit-tfal l-iskola.

L-istess jikkonferma l-iskizz u r-rapport ipprezentat mill-warden, fejn jikkonferma dak li qalet Annalise Scerri, li waqt li hi kienet fil-karreggjata taghha sabiex tidhol ghall-Imgarr u kienet ser tibda ddur, il-konvenut kien baqa' diehel go fiha.

Ghalhekk, l-aqwa prova hija l-istess ammissjoni tal-konvenut stess u dan iwassal it-Tribunal biex izzommu responsabbli ghall-incident minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Lanqas hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut fuq id-danni li jammontaw, skond l-atturi ghal disa' mija tlieta u hamsin lira Maltin, sebgha u tlettin centezmu (Lm953.37), kif gie indikat fil-prospett a fol.28 tal-process.

La darba ma ngabux provi ohra sabiex jikkontradixxu dan l-ammont, it-Tribunal ser jkollu jikkonferma dan l-ammont bhala danni pretizi mill-atturi u ghalhekk accettati mill-konvenut, kif del resto l-probabilta' li assuma kwalunkwe responsabbilita' li kellu minkejja li ghazel li ma jsegwix il-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------